

Brussell, 4 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

14987/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0406 (NLE)

MAMA 202
MED 55
RHJ 6

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Fmaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni b'sentejn tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/....

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed
f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni
stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju
li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej
u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda,
u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-estensjoni b'sentejn
tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea u mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan min-naħa l-oħra, (il-"Ftehim") ġie ffirmat fil-24 ta' Novembru 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2002¹.
- (2) Abbażi ta' rieżami tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan adottati mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fid-19 ta' Diċembru 2016, il-Partijiet qablu li dawn għadhom validi bħala dokument ta' gwida biex tkompli tiġi kkonsolidata s-sħubija.
- (3) Bis-saħħa tal-Artikolu 91 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet għall-finijiet tal-ilħuq tal-oġġettivi tal-Ftehim.
- (4) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta deċiżjoni permezz ta' proċedura bil-miktub fir-rigward tal-estensjoni b'sentejn tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan sa tmiem l-2020.
- (5) Ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, peress li d-deċiżjoni se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra (ĠU L 129, 15.5.2002, p.3).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni b'sentejn tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

DEĊIŻJONI Nru 1/2018

TAL-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-ĠORDAN

ta' ...

li tapprova l-estensjoni b'sentejn

tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-ĠORDAN,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ġordan, min-naħa l-oħra, (il-“Ftehim”),

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ġordan, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fl-24 ta' Novembru 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2002.
- (2) L-Artikolu 91 tal-Ftehim jagħti s-setgħa lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li jieħu d-deċiżjonijiet xierqa għall-finijiet li jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim.
- (3) L-Artikolu 101 tal-Ftehim jipprevedi li l-Partijiet għandhom jieħdu kwalunkwe miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim u għandhom jaraw li jinkisbu l-għanijiet stipulati fil-Ftehim.
- (4) Permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/2016 tad-19 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni qabal dwar il-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan għall-perjodu 2016-2018 biex jikkonsolidaw is-sħubija tagħhom bl-għan li jappoġġjaw u jsaħħu r-reżiljenza u l-istabbiltà tal-Ġordan filwaqt li jfittxu li jindirizzaw ukoll l-impatt tal-kunflitt fit-tul fis-Sirja.

- (5) Abbażi ta' rieżami tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan, il-Partijiet qablu li l-Prijoritajiet ta' Sħubija kif maqbula fl-2016 għandhom jiġu estenzi sa tmiem l-2020 u li matul il-perjodu 2019-2020 ikun jista' jsir rieżami kif ikun xieraq tal-Prijoritajiet ta' Sħubija u tal-Patt bejn l-UE u l-Ġordan annessi magħhom.
- (6) L-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jipprevedi l-possibbiltà li jittieħdu deċiżjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub bejn is-sessjonijiet, jekk il-Partijiet jaqblu li jsir dan,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, permezz ta' proċedura bil-miktub, jiddeċiedi li l-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Gordani annessi mad-Deċiżjoni tiegħu Nru 1/2016 tad-19 ta' Diċembru 2016, jiġu estiżi sal-31 ta' Diċembru l-2020.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni
Il-Presidenza*
